A.L. 9 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2010 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2010 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 136 tal-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Programm ta' Studji

6. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studji, li jkopri s-suġġetti kollha mgħallma f'kull sena tal-Kors, is-sillabu tagħhom, u l-valutazzjonijiet qabel il-bidu ta' kull Kors."

L-Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“**Il-Valutazzjoni u l-Progress**

7. (1) Ir-riżultat tal-valutazzjoni f’kull suġġett tal-Kors għandu jkun ippubblikat skont dawn il-marki u l-gradi li ġejjin fl-ordni tal-mertu:

95% - 100%	A+
80% - 94%	A
75% - 79%	B+
70% - 74%	B
65% - 69%	C+
55% - 64%	C
50% - 54%	D+
45% - 49%	D
0% - 44%	F

(2) Ir-riżultat ta’ kull suġġett għandu jqis il-partijiet kollha tal-valutazzjoni f'dak is-suġġett.

(3) L-istudenti m'għandhomx jitħallew jipproċedu għas-sena ta’ wara tal-Kors jekk huma jeħlu fis-suġġetti kollha eżaminati.

(4) L-istudenti li jeħlu f’xi valutazzjoni fis-sessjoni supplimentari ma jitħallewx jipproċedu għas-sena ta’ wara tal-Kors iżda jistgħu jitħallew mill-Bord jirrepetu s-sena.

(5) Qabel ma jitħallew joqogħdu għall-kwalunkwe valutazzjoni speċifikata fil-programm ta’ studji, l-istudenti jridu jippreżentaw ċertifikat lid-Dekan, li jkun iffirmat mill-kapijiet tad-dipartiment jew koordinaturi konċernati, li juri li huma temmew b'mod sodisfaċenti l-iskeda ta' xogħol prattiku u kliniku preskritt għal dik is-sena.”

L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“**L-Eżami Finali tal-B.Ch.D.**

8. (1) L-Eżami Finali tal-B.Ch.D. għandu jsir f’Ġunju fl-aħħar tal-ħames sena tal-Kors.

(2) Għandu jkun hemm sessjoni supplimentari tal-eżamijiet f’Settembru għall-istudenti li jkunu weħlu f’suġġett wieħed biss, u f’Jannar ta’ wara għall-istudenti li ma jgħaddux f’aktar minn suġġett wieħed.

(3) L-eżami għandu jikkonsisti minn valutazzjonijiet fis-suġġetti kif preskritt fil-programm ta' studji li jkun fis-seħħ dak iż-żmien.

(4) L-istudenti li jkunu qegħdin jirreferu suġġett/i fl-Eżami Finali tal-B.Ch.D. jistgħu joqogħdu għas-sessjoni ripartorja f'dak is-suġġett/i kif preskritt f'paragrafu (2) hawn fuq. Jekk jeħlu, l-istudenti għandhom jiġu meqjusa li weħlu mill-Eżami Finali tal-B.Ch.D. kollu.

(5) L-istudenti m'għandhomx jitħallew joqogħdu mill-ġdid għall-eżami ta' xi suġġett ħlief jekk ikunu segwew dawk il-korsijiet ta' studji u/jew xogħol prattiku u/jew kliniku b'mod sodisfaċenti kif il-Bord jiddetermina f'kull każ.

(6) L-istudenti li jeħlu fl-Eżami Finali tal-B.Ch.D. fiż-żewġ sessjonijiet kif preskritt f'paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament jistgħu jitħallew mill-Bord jirrepetu l-ħames sena tal-Kors u joqogħdu mill-ġdid għall-Eżami Finali tal-B.Ch.D. fl-aħħar ta' dik is-sena, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord jista' jiddetermina f'kull każ.

(7) L-istudenti m'għandhomx jitħallew joqogħdu għall-Eżami Finali tal-B.Ch.D. skont il-paragrafu (6) ta' dan ir-regolament aktar minn darba."

It-Tħassir tar-regolamenti 9 u 10 tar-regolamenti prinċipali

6. Ir-regolamenti 9 u 10 għandhom jiġu mħassra.

7. Ir-regolamenti 11 sa 15 għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 9 sa 13.

L-Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

8. Minflok ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent**

9. Ir-riżultat globali għandu jqis il-livell milħuq mill-istudenti matul il-Kors. L-ismijiet tal-istudenti li jgħaddu f'kull suġġett tal-Eżami Finali tal-B.Ch.D. għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku skont kif ġej:

L-Ewwel Klassi bl-Unuri	100% - 80%
It-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq)	79% - 70%
It-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Taħt)	69% - 55%
It-Tielet Klassi bl-Unuri	54% - 45%"

It-Tħassir tar-regolamenti 10, 11, 12 u 13 tar-regolamenti prinċipali

9. Ir-regolamenti 10, 11, 12 u 13 għandhom jiġu mħassra.